**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KAX 16-2015**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Awwissu 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson.*
Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.
Is-Sur Saviour Xiberras - Membru.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Patrick Grima – Membru u s-Sinjura Carmen Said - Sindku.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-18 ta' Awwissu 2015.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Attivitajiet Sajf 2015.
3. Xogħlijiet fix-Xlendi.
4. Rapport tas-Sindku.
5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
6. Mistoqsijiet mill-membri.
7. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KAX 15-2015.

**2.00 Attivitajiet Sajf 2015.**

2.01 L-attività li jmiss fix-Xlendi hija l-Acoustic Rock Mini Festival li ser isir fid-29 ta' Awwissu 2015. L-għada, il-Kunsill ser jorganizza wirja ta' *Remote Control Power Boats* matul il-ġurnata kollha. Filgħaxija ser issir ix-*show* fuq il-baħar.

2.02 Mit-18 sal-20 ta' Settembru 2015 ser issir l-Oktoberfest fi Pjazza l-Anfori. Il-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jżomm 50 metru 'il bogħod mill-eqreb stabbiliment tal-ikel u li s-Sibt, 19 ta' Settembru 2015 bejn id-9 ta' filgħaxija u l-11.30 ta' filgħaxija ma jsirx daqq ta' mużika peress li f'dak il-ħin ser ikun hemm il-Grupp Novel idoqq fi Triq ir-Rabat.

**3.00 Xogħlijiet fix-Xlendi.**

3.01 Il-bankijiet ta' max-xtajta twaħħlu. Twaħħlu wkoll il-bankijiet tar-*recycled material* u l-*planters*.
Il-ħajt tal-gagazza ta' Triq ir-Rabat tlesta u tpoġġiet iċ-ċangatura fuq il-wiċċ tal-ħajt.
Inbeda x-xogħol fuq il-wiċċ tal-bankina ta' Triq it-Torri.
L-iskips tħarrku u tpoġġew viċin il-*Bring-in-Site* peress li sid il-proprjetà oġġezzjona li jkun hemm *skips* maġenb il-proprjetà tiegħu.
Ir-restawr fuq l-istatwa ta' Sant'Indrija tlesta u l-fanal tranġa u beda jixgħel.
Instab post, viċin il-Knisja tax-Xlendi, fejn tista' ssir merħba *sign* u l-bnadar.
Tranġa l-ħajt ta' Triq il-Kappar u din it-triq ġiet imnaddfa.
L-*information kiosk* li hemm qrib il-*bus shelter* ta' Pjazza l-Anfori ser tinqala' u titwaħħal viċin il-*bus shelter* ta' Triq San Xmun.

**4.00 Rapport tas-Sindku.**

4.01 Is-Sindku ma kinetx preżenti fil-laqgħa għax kienet indisposta.

**5.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

5.01 Il-Kumitat irċieva numru ta' mistoqsijiet mingħand newsbook.com rigward nuqqas ta' kummerċ fix-Xlendi matul dan is-Sajf. Il-Kumitat ma għandu l-ebda provi ta' dak li qed jingħad. Il-Kumitat kien ser jara l-fehma tal-Kunsill.

5.02 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand id-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi dwar is-sejħa għal *modular projects* taħt il-Programm Interreg. Din is-sejħa ser tagħlaq fit-2 ta' Novembru 2015. Is-Sinjorina Charmaine Vella ser tieħu ħsieb tara jekk il-Kumitat jistax japplika għal dan il-programm.

5.03 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Pre Announcement Guidelines for Cultural Activities December 2015 – December 2016'. Il-Kumitat ser jistudja dawn il-*guidelines* sabiex meta toħroġ il-*call* napplikaw.

**6.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

6.01 Iċ-*Chairperson* ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li l-grada tal-*culvert* ta' ħdejn il-Hotel San Andrea qed tħabbat kull meta tgħaddi xi vettura.
Hemm xi madum ta' quddiem iċ-Churchill Restaurant li qed jiżolqu u jridu jinbidlu.
Taħt it-terrazza hemm xi siġar tal-bruk li mietu u jridu jinbidlu u titranġa l-*platform* ta' fejn jaqbżu n-nies.

6.02 Is-Sur Saviour Xiberras ilmenta dwar bank li twaħħal viċin il-*bus shelter* ta' Pjazza l-Anfori u li qed jingombra l-bankina.
Is-Sur Xiberras ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li l-injam tal-passaġġ li jagħti għall-ilma qed ikun jiżloq.

**7.00 Materji oħra.**

7.01 Il-Kumitat irċieva talba sabiex issir bozza fi Triq ir-Ranċiż. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 24 ta' Settembru 2015, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Mark Busuttil**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***